MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2003

Rikors Numru. 93/1997/3

Rikors Numru:  93/97G

Anthony u Grace konjugi Portelli u b'digriet tal-11 ta' Mejju 2000 Grace Portelli giet imnehhija mir-rikors
vs
Direttur Generali responsabbli mix-Xogholijiet u l-Ministru responsabbli mix-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni u b'digriet tal-11 ta' Mejju 2000 gie korrett ghal Ministru ghall-Ambjent u b'digriet tal-24 ta' April 2002 gie korrett ghal Ministru ghar-Rizorsi u Infrastruttura

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz gimgha wara r-rizultat tal-Elezzjoni tal-1987, ir-rikorrenti kienu sofrew ingustizzja lampanti billi r-rikorrent Anthony Portelli kien watchman jaghmel night duty u kien gie mnehhi u mitfugh fuq day duty fuq il-lant tax-xoghol.

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan ir-rikors kienu s-segwenti:

Illi hu kien beda jahdem mad-Dipartiment tax-Xogholijiet fit-18 ta’ April 1979 bhala Labourer jaghmel duties ta’ Watchman - Dok A.

Illi ghall-habta ta’ l-1982 hu kien beda jsofri minn disabilita` f’dahru liema disabilita` rrendietu kapaci biss li jaghmel xoghol ta’ Night Watchman.

Illi gimgha wara li kien hemm bidla fil-Gvern fl-1987 kien baghat ghalih Victor Scicluna, Ufficjal fid-Dipartiment tax-Xogholijiet, u kien qallu li se jibdlulu xogholu minn Night Watchman ghal fuq il-lant tax-xoghol bi nhar.

Illi meta r-rikorrent kien urieh ic-certifikat ta’ disabilita` li kellu l-imsemmi Ufficjal qallu li dak mhux ikkalkulat.

Illi dan il-bdil tax-xoghol lir-rikorrent mhux biss kien ikkawzalu tbatija fizika (tant li ghandu certifikat li juri li hu “permanent” fid-disabilita’ tieghu - Dok B) izda wkoll kien beda jsofri finanzjarjament peress li kien gie mcahhad milli jiehu l-extra pay tal-Hdud u l-festi.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti filwaqt li rriservaw li jgibu l-provi kollha ammissibbli skond il-ligi fit-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors, talbu lil dan it-Tribunal joghgbu jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment taghhom skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji billi jilqa’ t-talba taghhom u konsegwentament jinghataw rimedju skond il-ligi, kif l-istess Tribunal jidhirlu opportun, xieraq u gust, u ghal dan l-iskop ir-rikorrent, Anthony Portelli talab li peress li rega’ gie llum poggut fuq night duties jigi almenu moghti l-ammont ta’ flus li tilef minhabba li ma kienx baqa’ jidhol ghal Hdud u l-festi, jew alternattivament jekk l-istess rimedju mhuwiex possibbli u/jew jithallas kumpens f’ammont ta’ kif jiddeciedi dan it-Tribunal u dana taht dawk il-provvedimenti u mizuri li joghgbu l-istess Tribunal jipprefiggi.  Bl-ispejjes kontra l-intimati nomine.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet u tal-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni li eccepew:

Illi r-rikorrent kien gie impjegat mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mit-2 ta' April 1979 bhala Labourer.

Illi t-trasferiment imsemmi ma kienx ikkaguna sofferenza ndebita lir-rikorrent, ma kienx ta' agir oppressiv izda kien gustifikat mill-principju tal-mobilita` ta' l-impjegati fis-servizz pubbliku.

Illi fil-file personali tar-rikorrent ma kienx jezisti ebda dokument li jindika li l-istess rikorrent kien bniedem permanentement disabbli.

Illi r-rikorrent kien jezercita xoghol ta' night watchman izda minhabba li f'Gunju ta' kull sena l-hinijiet ufficcjali ta' l-impjegati fis-settur pubbliku kienu jinbidlu, ir-rikorrent kien gie mgharraf mis-sur Victor Scicluna biex b'effett minn Gunju 1987 jibda jahdem mis-1.00pm sas-7.00pm goz-Zebbug, rahal vicin tad-dar tieghu.

Illi l-istess rikorrent qatt ma kien oggezzjona fuq it-trasferiment imsemmi ma' l-ufficjal inkarigat, tant li dan kien ta' l-ideja li kien ta' avvanz ghall-istess rikorrent.

Ghaldaqstant, l-intimat talab lil dan it-Tribunal jichad l-ilment imqanqal fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Xehed Anthony Portelli u kkonferma l-kontenut tar-rikors. Semma illi hu kien certifikat bhala disabled mill-E.T.C. fl-1987 izda fl-1985 kien inhariglu certifikat iehor imma qal li kien tilfu. Lid-Dipartiment dan ic-certifikat qatt ma kien ipprezentahulhom. Qal li beda jsofri minn disabilita` ghall-habta ta’ l-1982.

Fl-1987, wara li nbidel il-Gvern, kien baghat ghalih is-Sur Victor Scicluna, ufficjal fid-Dipartiment tax-Xogholijiet u qallu biex jidhol jaghmel xoghol bi nhar. Hu kkalkula li tilef xi tlett mitt lira fis-sena ghaliex tilef l-extra pay tal-Hdud u l-festi. Semma li kien jaghmel xoghol ta’ labourer ghal xi disa’ snin u nofs. Kien jaghmel xoghol manwali jigifieri xoghol fit-tajn mal-bennej.

Semma illi wara l-elezzjoni tal-1996 rega’ beda jaghmel xoghol ta’ wathchman u ghadu jaghmel dan ix-xoghol. Qal li meta sofra d-disabilita` hu kien diga` jaghmel xoghol ta’ watchman.

Zied jghid illi s-Sur Victor Scicluna kien baghatu jahdem ma’ Emanuel Meilaq, in-Nadur jaghmel xoghol ta’ labourer allavolja kien urieh ic-certifikat ta’ disabled. Semma li dam jaghmel xoghol ta’ labourer minn Mejju 1987 sa l-1997. Qal li kien jaghmel xoghol ta’ tindif fit-toroq bil-pala, ghal fuq it-trakk. Mas-Sur Meilaq fin-Nadur kien dam xi ghoxrin xahar u wara baghatuh iz-Zebbug jaghmel l-istess xoghol.

Semma li hu kien applika ufficjalment sabiex jigi kkunsidrat bhala persuna disabled u jinghata light duties, izda ma jiftakarx meta u fejn.

Hu kien jghid li hu persuna disabbli fid-Dipartiment, fl-1982. Hu qal li d-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici mhux veru li sar konxju li hu persuna disabbli f’Settembru 1997.

Qabel ma beda jaghmel xoghol ta' watchman ir-rikorrent kien labourer.

Xehed Joseph Portelli Direttur tal-Progetti u Zvilupp fil-Ministeru ghal Ghawdex li semma li fiz-zmien meta kienet saret l-allegata ingustizzja hu ma kienx responsabbli mid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici gewwa Ghawdex u ma jaf xejn dwar dan il-kaz. Dak iz-zmien hu kien impjegat mad-Dipartiment tat-Tezor u sar Direttur tal-Progetti u Zvilupp fl-1996.

Xehed Victor Scicluna Principal Technical Officer fil-Works Division tad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici. Semma li fl-1987 ma jafx x'kienet il-kariga tieghu jekk hux Technical Officer jew Technical Officer II. Wara li kkonsulta l-files tad-Dipartiment tax-Xogholijiet, irrizulta illi f'Gunju 1987, kellhom bzonn day watchmen gewwa Ghawdex u kienu sejhu lir-rikorrent. Semma li d-decizjoni kien hadha hu, u peress li r-rikorrent kien disabled kien iddecieda li minn night watch jibaghtu day watchman.

Hu qal li ma jafx min baghat lir-rikorrent jaghmel xoghol ta' labourer. Hu kien baghatu jaghmel xoghol ta' day watchman iz-Zebbug. It-transfer kien hadha fis-16 ta' Gunju u mill-file personali tar-rikorrent m'hemm ebda records dwar dan it-trasferiment. Semma li dak iz-zmien li ha t-trasferiment ir-rikorrent kienu gew trasferiti xi erba' jew hamsa minn nies ohra. Ir-rikorrent kien jahdem mat-Tarmac Plant. Ma jiftakarx jekk intbaghatx xi hadd minfloku bhala night watchman.

Xehed Paul Scicluna Ufficjal Ezekuttiv mad-Dipartiment tax-Xogholijiet li semma li ma jirrizulta xejn mill-personal file tar-rikorrent dwar dan it-trasferiment. Jekk kienx jaghmel xoghol ta' day watch jew le jirrizulta mill-post fejn tinqara l-attendance sheet ghax kollox jiddependi minn kif kien inizzel l-informazzjoni t-timekeeper izda ppreciza li l-Gvern hu obbligat izomm ir-records ghal hames snin biss.

Xehed Emmanuel Meilaq li kien foreman mal-Public Works u llum il-gurnata pensjonant. Fl-1987 kien supervisor u kien jahdem in-Nadur. Semma li jiftakar li f'xi

zmien ir-rikorrent hadem mieghu fl-H.O.S. tan-Nadur. Hu rtira f’Ottubru 1996 u spicca bhala foreman u kien inkarigat mill-area tan-Nadur. Semma li r-rikorrent kien jaghmel xoghol ta’ tindif u li r-rikorrent qatt ma lmenta li ma riedx jaghmel xi xoghol u qatt ma qallu li kellu xi tip ta’ disabilta` u li ma setax jaghmel certu tip ta’ xoghol.

Xehed Joseph Azzopardi Senior Principal fid-Dipartiment tal-Corporate Services fil-Ministeru ghal Ghawdex. Semma li fl-1987 kien Ufficjal Amministrattiv fit-Taqsima tal-Public Works ta’ Ghawdex. Qal li lir-rikorrent jafu u semma li fl-1987 flimkien ma’ tnejn ohra kien jifforma ‘gang’ ta’ Watchmen li kienu t-Tarmac Plant, fi Triq taz-Zebbug, limiti tar-Rabat, u gew trasferiti fuq xogholijiet bi nhar jaghmel xogholijiet fit-toroq.

Semma li hu kien gie infurmat bit-transfer jew minn Victor Scicluna jew mill-Perit Bigeni ghax huma kienu nkarigati mis-Section. Qal li Victor Scicluna dakinhar kien xi Technical Officer fil-Public Works. Il-Perit Bigeni kien il-Perit inkarigat mis-sezzjoni. Hu qal li ma kienx inghata raguni ghal dak li gara.

Xehed Emanuel Cortis ghan-nom u in rapprezentanza tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li ma kellu xejn x’izid ma dak li xehed Paul Scicluna l-ex Desk Officer tieghu.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent kien dahal jahdem ta’ labourer jaghmel xoghol ta’ watchman fit-18 ta’ April, 1979. Izda wara l-elezzjoni tal-1987 hu tnehha minn dak ix-xoghol u tqabbad jaghmel xoghol ta’ labourer wara decizjoni tas-Sur Victor Sultana. Hu spicca jahdem bejn 1.00 p.m. u 7.00 p.m. Sostna li kellu disabilita` izda hemm verzjonijiet konfliggenti dwar jekk u kemm insista fuq il-produzzjoni ta’ dawn ic-certifikati u kemm dawn gew accettati.

Skond Victor Sultana Principal Technical Officer fil-Works Division tad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici kellhom bzonn day watchmen gewwa Ghawdex u kienu sejhu lir-rikorrent. Semma li d-decizjoni kien hadha hu, u peress li

r-rikorrent kien disabled kien iddecieda li minn night watch jibghatu day watchman. Semma li ma jafx min baghat lir-rikorrent jaghmel xoghol ta' labourer. Dak iz-zmien li ha t-trasferiment ir-rikorrent kienu gew trasferiti xi erba' jew hamsa minn nies ohra.

Issa dwar l-esigenzi tas-servizz fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghataw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Skond l-imsemmi Sultana l-esigenzi tas-servizz kienu hemm u r-rikorrent ma ghamel xejn biex jipprova l-kuntrarju. Lanqas ma pprova r-rikorrent li mar xi hadd minfloku u x'kariga kellu dan. Wara kollox wiehed irid jiftakar li l-kariga tar-rikorrent propjament kienet ta' labourer u jaghmel xoghol ta' night watchman u ghalhekk it-Tribunal ma jsibx li tirrizulta li saret xi ingustizzja meta r-rikorrent tqabbad jaghmel xogholu wara li rrizultaw li kien hemm l-esigenzi. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimati.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------